**Qorti Kriminali**

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Att tal-Akkuza Nr. 3/2019

Ir-Repubblika Ta' Malta

Vs

Ehab Zorgani

Illum 3 ta' April, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-Akkuza numru 3 tas-sena 2019 mahrug fil-konfront ta' Ehab Zorgani, detentur tal-karta tal-identita' Maltija li ggib in-numru 129681(A), fejn fl-ewwel Kap l-Avukat Generali, ipremetta:

Għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ta' nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) Ehab Zorgani kien qiegħed ġewwa *Paceville*, San Ġiljan. Kien jinsab ħdejn numru ta' persuni ta' nazzjonalita Libjana, fosthom Hadji Salah. Fost dawn il-persuni kienet inqalgħet tilwima, u f'din it-tilwima kien involut l-akkużat Ehab Zorgani.

Waqt din it-tilwima, l-akkużat Ehab Zorgani li kien armat mus, avviċina ruħu lejn Hadji Salah, u bl-intenzjoni li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Salah f'perikolu ċar, qabad dan il-mus li kien qiegħed iġorr f'idejh, u ta diversi daqqiet f'diversi partijiet tal-ġisem ta' Salah. Dawn id-daqqiet ġew mogħtija b'tant saħħa li kawża ta' dawn id-daqqiet Hadji Salah ġarrab diversi leżjonijiet fosthom penetrazzjoni tal-kavita toraċika u kollass tal-pulmun hekk kif determinat mill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri.

Fil-fatt, wara li ssejħet l-għajnuna tal-Pulizija, Hadji Salah ittieħed immedjatament l-isptar Mater Dei għall-kura. B'hekk Ehab Zorgani ma laħaqx ikkonsma l-ħsieb doluż tiegħu li joqtol lil Hadji Salah jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar bid-daqqiet ta' din l-arma biss grazzi għall-effiċjenza u preċiżjoni tat-tobba li kkurawh immedjatament meta daħal l-Isptar *Mater Dei*.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Hadji Salah) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti u għaċ-ċirkostanzi aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi EHAB ZORGANI, talli nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan irrenda ruħu ħati ta' **tentattiv ta' omiċidju volontarju** u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (**Hadji Salah)** jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat EHAB ZORGANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn **tmien snin sa erbgħin sena**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 17, 23, 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ipremetta:

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, l-akkużat Ehab Zorgani fil-waqt li kien armat b'mus, avviċina ruħu lejn Ali Muhannad Fadlalla u beda jagħti daqqiet fuq il-persuna ta' Ali Muhannad Fadlalla.

B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li tnisslu minnha Ali Muhannad Fadlalla ġarrab diversi leżjonijiet, fosthom abrażjonijiet u inċiżjonijiet f'wiċċu u fuq spalltu hekk kif determinat mill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri. Illi Ali Muhanand Fadlalla ittieħed għal kura l-isptar *Mater Dei* fejn ġie ċertifikat li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Ali Muhannad Fadlalla), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi EHAB ZORGANI, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, **permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż,** ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (**Ali Muhannad Fadlalla**), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li **l-offiżi** jitqiesu li huma **gravi** peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat EHAB ZORGANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn **disa' xhur sa disa' snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, l-akkużat Ehab Zorgani fil-waqt li kien armat b'mus, avviċina ruħu lejn Jan Antoon Van Der Heide, li inzerta kien għaddej għall-affari tiegħu flimkien ma' sħabu minn dawk l-inħawi u beda jagħti daqqiet fuq il-wiċċ ta' Jan Antoon Van Der Heide.

B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li tnisslu minnha Antoon Van Dei Heide ġarrab feriti f'wiċċu hekk kif determinat mill-espert tal-Qorti Dr. Mario Scerri. Illi Antoon Van Der Heide ittieħed għal kura l-isptar *Mater Dei* fejn ġie ċertifikat li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Jan Antoon Van Der Heide), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi EHAB ZORGANI, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, **permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż,** ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (**Jan Antoon Van Der Heide**), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-**offiżi** jitqiesu li huma **gravi** peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat EHAB ZORGANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn **disa' xhur sa disa' snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ippremetta:

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, l-akkużat Ehab Zorgani fil-waqt li kien armat b'mus, avviċina ruħu lejn Brian Jan Bos, li inzerta kien għaddej għall-affari tiegħu flimkien ma' sħabu (fosthom Antoon Van Der Heide imsemmi fit-tielet kap ta' dan l-att ta' akkuża) minn dawk l-inħawi u beda jagħti daqqiet fuq il-wiċċ ta' Brian Jan Bos

B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li tnisslu minnha Brian Jan Bos sofra feriti f'wiċċu. Illi Brian Jan Bos ittieħed għal kura l-isptar *Mater Dei* fejn ġie ċertifikat li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Brian Jan Bos), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi EHAB ZORGANI, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, **permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż,** ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta'

persuna oħra (**Brian Jan Bos**), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-**offiżi** jitqiesu li huma **gravi** peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat EHAB ZORGANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn **disa' xhur sa disa' snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fil-Hames Kap ippremetta:

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, l-akkużat Ehab Zorgani fil-waqt li kien armat b'mus, avviċina ruħu lejn Neik De Roo, li inzerta kien għaddej għall-affari tiegħu flimkien ma' sħabu (fosthom Antoon Van Der Heide u Brian Jan Bos imsemmija fit-tielet u fir-raba' kap ta' dan l-att ta' akkuża) minn dawk l-inħawi u beda jagħti daqqiet fuq il-wiċċ ta' Neik De Roo.

B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li tnisslu minnha Neik De Roo sofra feriti f'wiċċu. Illi Neik De Roo ittieħed għal kura l-isptar *Mater Dei* fejn ġie ċertifikat li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Neik De Roo), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi EHAB ZORGANI, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, **permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż,** ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (**Neik De Roo**), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-**offiżi** jitqiesu li huma **gravi** peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat EHAB ZORGANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn **disa' xhur sa disa' snin**,  skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fis-Sitt Kap ippremetta:

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, l-akkużat Ehab Zorgani fil-waqt li kien armat b'mus, avviċina ruħu lejn Richard Galea, li inzerta kien għaddej għall-affari tiegħu flimkien mat-tfajla tiegħu Nicole Ghigo minn dawk l-inħawi u beda jagħti daqqiet fuq il-wiċċ ta' Richard Galea.

B'konsegwenza ta' din l-aggressjoni u d-daqqiet li tnisslu minnha Richard Galea sofra feriti f'wiċċu. Illi Richard Galea ittieħed għal kura l-isptar *Mater Dei* fejn ġie ċertifikat li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati talli, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaguna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Richard Galea), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw

debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi EHAB ZORGANI, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, **permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż,** ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (**Richard Galea**), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-**offiżi** jitqiesu li huma **gravi** peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat EHAB ZORGANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn **disa' xhur sa disa' snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2), 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fis-Seba' Kap ippremetta:

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, l-akkużat Ehab Zorgani fil-waqt li kien armat b'mus, kkometta diversi reati, fosthom tentattiv ta' omiċidju volontarju ta' Hadji Salah u feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Ali Muhannad Fadlalla, Anton Van Der Heide, Brian Jan Bos, Neik De Roo u Richard Galea.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati talli, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' Hadji Salah u feriti gravi fil-konfront ta' Ali Muhannad Fadlalla, Anton Van Der

Heide, Brian Jan Bos, Neik De Roo u Richard Galea), kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u ċirkostanżi ta' żmien u lok imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi Ehab Zorgani, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, **fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna** (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' Hadji Salah) u feriti gravi (fil-konfront ta' Ali Muhannad Fadlalla, Anton Van Der Heide, Brian Jan Bos, Neik De Roo u Richard Galea), **kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Ehab Zorgani u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' **priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta] u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tmien Kap jippremetta:

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, l-akkużat Ehab Zorgani kellu fuq il-persuna tiegħu arma bil-ponta mingħajr ma kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-akkużat fil-waqt li kien armat b'dan l-istrument jaqta' u bil-ponta, kkometta diversi reati, fosthom tentattiv ta' omiċidju volontarju ta' Hadji Salah u feriti ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Ali Muhannad Fadlalla, Anton Van Der Heide, Brian Jan Bos, Neik De Roo u Richard Galea, kif ġjà spjegat fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati talli, kellu f'idejh jew fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument ieħor bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi EHAB ZORGANI, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, **kellu f'idejh jew fuqu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija**;

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat EHAB ZORGANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' **multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax il-Euro sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€116.47)** skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 6 u 51(7), 56, 57 u 61 tal-Att dwar l-Armi [Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta], u l-artikoli 23, 17(h) u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fid-Disa' Kap ippremetta:

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċjoè nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, Ehab Zorgani, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Hadji Salah, jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ħebb għalih u tah diversi daqqiet ta' mus, kif ukoll ikkaġuna feriti gravi fuq il-persuni ta' Ali Muhannad Fadlalla, Anton Van Der Heide, Brian Jan Bos, Neik De Roo u Richard Galea meta ħebb għalihom u tahom daqqiet ta' mus. Dak il-ħin kienu għaddejjin u kienu preżenti diversi persuni fl-inħawi u dan l-aġir kriminali ta' l-akkużat kien tali li nissel tħassib f'moħħ dawn il-persuni dwar l-inkolumità fiżika tagħhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi EHAB ZORGANI sar ħati talli, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Illi għalhekk, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taż-żmien, lok, fatti, u ċirkostanzi imsemmija aktar il-fuq f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi EHAB ZORGANI, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan, **kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku**.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat EHAB ZORGANI u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' **detenzjoni għal żmien xahrejn** skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 338(dd), 7(2), 12, 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali [Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta] jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha inkluz l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u l-akkuzat Ehab Zorgani pprezentant fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' April, 2019, fejn iddikjaraw li qegħdin jaqblu fit-termini ta' l-Artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, u talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat **Ehab Zorgani** għall-akkużi migjuba kontrih skond l-Att ta' Akkuza fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li għandha tigi nflitta fuq l-akkużat **Ehab Zorgani** minn din l-istess Onorabbli Qorti, għandha tkun waħda ta' **priġunerija effettiva għal perjodu ta' tnax-il sena u nofs**, flimkien ma' **multa ta' mitt Ewro (€100)** u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra tassativa għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat il-verbal ta' llum stess fejn l-akkuzat Ehab Zorgani ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni tal-akkuzat, tiddikjara lil imsemmi Ehab Zorgani hati talli nhar it-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4 a.m.) ġewwa *Paceville*, San Ġiljan:

1. Irrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċjoè talli, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Hadji Salah) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Ali Muhannad Fadlalla), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.
3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Jan Antoon Van Der Heide), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.
4. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Brian Jan Bos), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.
5. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Neik De Roo), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti

tal-għamla tal-ġisem u peress illi ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.

6. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Richard Galea), jew ġabilha disordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma gravi peress li kkaġunaw debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem u ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż.
7. Fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (tentattiv ta' omiċidju volontarju fil-konfront ta' Hadji Salah) u feriti gravi (fil-konfront ta' Ali Muhannad Fadlalla, Anton Van Der Heide, Brian Jan Bos, Neik De Roo u Richard Galea), kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon, jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, u dan mingħajr għan leġittimu.
8. Kellu f'idejh jew fuqu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
9. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta'Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1]"; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[2]" "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[3]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula fit-2 ta' April, 2012 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 7(2), 12, 17, 23, 31, 41(1)(a), 211(1)(2), 214, 215, 217, 218(1)(a)(b)(2),338(dd), 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 51(7), 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Ehab Zorgani ghall-piena **priġunerija effettiva għal perjodu ta' tnax-il sena u nofs**, flimkien ma'

[1] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[2] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
[3] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

**multa ta' mitt Ewro (€100)** li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita fi prigunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hati ihallas s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, u hamsa w ghoxrin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€22,025.49), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur